# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 30 ta' Mejju 2001**

**Numru 6**

**Citaz. numru: 111/89 AM**

**Avukat Dottor Henry sive Eric Mamo ghan-nom u in rapprezentanza ta' Mid-Med Bank Limited; u b'nota tas-6 ta' Frar 1998 l-isem tas-socjeta' Mid-Med Bank Limited gie sostitwit ghal Mid-Med Bank p.l.c. u dana b'rizoluzzjoni generali ta' l-azzjonisti tas-socjeta' Mid-Med Bank Limited tas-17 ta' Dicembru 1999; u b'nota tat-8 ta' Novembru 1999 l-isem tas-socjeta' Mid-Med Bank p.l.c. inbidel ghal HSBC Bank Malta p.l.c. b'rizoluzzjoni mehuda f'laqgha straordinarja ta' l-azzjonisti tas-socjeta' Mid-Med Bank p.l.c. tat-18 ta' Awissu 1999 u dana b'effett mill-1 ta' Dicembru 1999.**

**vs**

**Agostino sive Winston Carbone u Eric Brimmer ghan-nom u in rapprezentanza ta' Everest Contractors Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fil-11 ta' Novembru 1994 li tghid hekk:

"Rat ic-citazzjoni li biha l-attur nomine ippremetta:-

Illi b'kuntratt tal-21 ta' Marzu 1987, in atti Nutar Mario Bugeja (Dokument "A") is-socjeta' attrici kkoncediet lis-socjeta' konvenuta facilita' ta' "overdraft" b'dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet hemm stipulati;

Illi s-somma dovuta llum in restituzzjoni ta' l-avvanz imsemmi tlahhaq l-ammont ta' Lm32,824.75,1 (Dokument "B") u dana oltre l-imghax tat- tmienja fil-mija fis-sena mit-23 ta' Settembru 1988;

Illi minkejja li giet interpellata thallas dan l-ammont, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

Talab li l-konvenuti nomine jigu ikkundannati minn dina l-Qorti jhallsu lill-attur nomine s-somma ta' tnejn u tletin elf, tmien mija erba' u ghoxrin lira, hamsa u sebghin centezmu u millezmu (Lm32,824.75,1), in restituzzjoni ta' sommom avvanzati lis-socjeta' konvenuta, oltre l-imghax tat-tmienja fil-mija (8%) mit-23 ta' Settembru 1988;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-24 ta' Novembru 1988, u dawk tal- Mandat ta' Sekwestru tallum kontra l-konvenuti nomine.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il- lista tax-xhieda ta' l-attur nomine;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal- konvenut Agostino sive Winston Carbona nomine li biha eccepixxa:-

“1. In-nullita' tal-kuntratt li fuqu qed jibbaza t-talbiet tieghu l-attur nomine stante li ma giex ottenut il-permess mill-Onorabbli Sekond'Awla tal-Qorti Civili rikjest fic-cirkostanzi sabiex is-socjeta' konvenuta tintrabat validament ai termini ta' l-istess;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.”

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il- lista tax-xhieda ta' l-istess konvenut nomine;

Rat l-att ta' rikonvenzjoni tal-konvenut Carbone nomine li bih gie premess:-

"Illi jirrikorru c-cirkostanzi kollha kontemplati fl-Artikolu 396 tal-Kodici tal-Procedura Civili, il-konvenut nomine qed iharrek lill-attur nomine in via rikonvenzjonali bil-mod kif gej u hemm premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l- provvedimenti opportuni;

Illi s-socjeta' konvenuta kif rappresentata minn Agostino sive Winston Carbone ffirmat kuntratt fil-21 ta' Marzu 1987 in atti Nutar Mario Bugeja (Dokument "A") fejn inghatat facilita' ta' "overdraft" mis-socjeta' attrici, bil-pattijiet u kondizzjonijiet hemm pattwiti;

Illi l-imsemmi Agostino sive Winston Carbone ma kienx debitament awtorizzat sabiex jikkonkludi ghan-nom tas-socjeta' konvenuta l-imsemmi kuntratt, u kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal- kawza ghal dan il-ghan kien ikun jehtieg li tali kuntratt jigi sancit mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, u ghalhekk kulma sar fl-imsemmija kuntratt mis-socjeta' konvenuta kif rappresentati huwa null u bla effett fil- ligi;

Talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara illi l-kuntratt pubbliku imsemmi tal-21 ta' Marzu 1987 (Dokument "A") huwa null u bla effett kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

2. tiffissa data hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-konsegwenti att relattiv ghall-kancellament ta' l-ipoteki iskritti fil-kuntratt fuq imsemmija;

3. tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-konsegwenti att ghall-kancellamenti ta' l-ipoteki iskritti kif intqal;

4. tinnomina kuratur sabiex jirrapprezenta l-eventwali kontumacja ta' l-attur nomine fuq l-imsemmi kuntratt ta' kancellament;

Bl-ispejjes kontra l-attur nomine."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il- lista tax-xhieda ta' l-istess Carbone nomine;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur rikonvenut li biha eccepixxa:-

"1. In-nuqqas ta' interess guridiku tal-konvenut fit-talbiet tieghu;

2. Minghajr pregudizzju ghall-premess illi l-konvenut ma jistax jissolleva nullita' ta' obbligazzjoni, liema nullita allegata hija rizultat ta' att tieghu stess sew ta' kommissjoni sew ta' ommissjoni;

3. Illi l-konvenut proprio et nomine ma kellu bzonn ebda permess jew awtorizzazzjoni mis- Sekond'Awla tal-Qorti Civili biex jiffirma l-kuntratt u skritturi in kwistjoni u jassumi l-obbligazzjonijiet rizultanti;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il-lista tax-xhieda ta' l-istess attur rikonvenzjonat;

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-15 ta' Gunju 1990 li bih l-Avukati tal-partijiet qablu li din il-kawza tigi trattata kontestwalment mal-kawza Numru 32 fuq il-lista ta' dakinhar (Citazzjoni Numru 108/89) u mal-kawza fl-ismijiet "Dottor A. Farrugia nomine vs Vernie Carbone et nomine" (Citazzjoni Numru 82/90);

Rat in-nota ta' Vernie Carbone prezentata fl-udjenza tal-15 ta' Gunju 1990 li biha assumiet l-atti tal-kawza minflok Agostino sive Winston Carbone u Eric Brimmer ghas-socjeta' konvenuta;

Rat is-sentenza moghtija llum stess minn din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet "Dottor Anthony H. Farrugia nomine versus Vernie Carbone nomine et nomine" (Citazzjoni Numru 82/90) li biha gew michuda t-talbiet dedotti f'dik il-kawza, liema talbiet kienu jinkludu dik tan-nullita' tal-kuntratt tal-21 ta' Marzu 1987 in atti Nutar Mario Bugeja li fuqu hija bazata t-talba attrici fil-kawza odjerna;

> Illi, konsegwentement, ma jistghux jigu milqugha l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine u lanqas ma jistghu jigu milqugha t-talbiet rikonvenzjonali ta' l-istess konvenuti fil-kwalitajiet taghhom premessi;
>
> Ghal dawn il-motivi, tiddecidi billi, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine kif ukoll it-talbiet rikonvenzjonali taghhom, tilqa' it-talba attrici, bl-imghaxijiet mitluba. L-ispejjez kollha, komprizi dawk tar-rikonvenzjoni, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti nomine."

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti pprezentata quddiem l-Ewwel Qorti fil-21 ta' Novembru 1994.

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess socjeta' konvenuta tas-17 ta' Dicembru 1994 fejn hija talbet lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata ghar-ragunijiet hemm moghtija.

Rat ir-risposta ta' l-appellat nomine tal-10 ta' Novembru 1995.

Rat l-atti kollha processwali f'dan l-appell.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-kawza tittratta talba ghall-kundanna ta' hlas ta' ammonti mislufa mill-Bank attur lis-socjeta' konvenuta f'forma ta' *overdraft* b'kuntratt tan-Nutar Mario Bugeja tal-21 ta' Marzu 1987.

Fil-Prim'Istanza din il-kawza kienet dejjem giet differita biex timxi ma' kawza ohra quddiem l-istess Qorti (Citaz. Nru: 82/90) peress illi permezz ta' din il-kawza l-ohra l-validita' tal-kuntratt fuq menzjonat kien qed jigi attakkat. Dan il-fatt huwa rikonoxxut mill-istess appellanti fil-petizzjoni ta' l-appell taghhom.

> "Illi fil-fatt l-Ewwel Qorti ddecidiet din il-kawza odjerna fuq l-iskorta tad-decizjoni taghha wkoll tal-11 ta' Novembru 1994 fl-ismijiet Dottor Anthony H. Farrugia nomine vs Vernie Carbone nomine et (Cit. 82/90) u li ghaliha ghalhekk qed issir piena riferenza.
>
> Illi kontestwalment mal-prezenti l-atturi sokkombenti fl-imsemmija kawza pprezentaw petizzjoni ta' l-appell fejn hemm trattat il-mertu ta' din il-kawza kif jidher mill-annessa kopja Dokument "VC1".
>
> Illi l-appellanti nomine tassocja ruhha ma' l-aggravji hemm imsemmija u ghall-finijiet ta' dan l-appell taghmilhom taghha."

Din il-kawza giet deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-11 ta' Novembru 1994 mil-liema sentenza sar appell.

Dan l-appell gie deciz minn din il-Qorti llum stess fejn b'sentenza moghtija fl-ismijiet "Dottor Anthony Farrugia nomine vs Winston Carbone nomine" (Citazz. Nru: 82/90) din il-Qorti cahdet l-appell u kkonfermat il-validita' tal-kuntratt meritu ta' din il-kawza.

Issir ghalhekk piena riferenza ghall-esposizzjoni tal-fatti u ghall-ezami ta' punti ta' dritt li saru fis-sentenza fuq citata li jwasslu lil din il-Qorti li, f'din is-sentenza, tikkonferma fl-intier taghha s-sentenza appellata u ghalhekk tichad l-appell bl-ispejjez tal-Prim'Istanza jithallsu kif deciz fil-waqt illi dawk ta' dan l-appell jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet u dan ukoll ghar-ragunijiet moghtija fis-sentenza ta' l-appell fil-kawza Citazz. Nru: 82/90 fuq citata.

Deputat Registratur

rf.